# ATTIVITAJIET FUQ LIVELL EWROPEW U INTERNAZZJONALI DWAR IL-ĦARSIEN TAL-ILMA

Dan l-aħħar, xjentisti u esperti minn madwar id-dinja qegħdin javżaw lill-pajjiżi biex skart tal-ikel, ġej minn liema pajjiż ġej, jinqata' bin-nofs. Din il-mira għandha tintlaħaq sas-sena 2025. Dan minħabba l-fatt li, id-dinja qegħda taffaċċja l-problemi tal-globalizzazzjoni – li, kull ma tmur, għadha dejjem qed tiżdied. Fl-istess waqt, il-preservazzjoni tal-provvista tal-ilma fuq livell internazzjonali, hija waħda mill-ikbar sfidi li qed jiġu affaċċjati mill-gvernijiet ta' numru ta' pajjiżi.



Fil-ġranet li għaddew, kien ippreżentat studju waqt il-ġimgħa annwali li ssir fi Stokkolma, fejn ġeneralment ikunu diskussi temi importanti dwar kif il-pajjiżi bejniethom għandhom jegħlbu l-isfidi li qegħdin jaffaċjaw minħabba l-problema ta' nuqqas tal-ilma. It-tema ta' din is-sena kienet tiffoka fuq il-progress tal-ilma biex ikollna dinja dejjem iktar nadifa u b'saħħitha, b'attenzjoni speċjali fuq is-sanità. L-Unjoni Ewropea, f'Lulju li għadda, kienet ukoll diġà organizzat konferenza fejn indirizzat problemi li qegħdin jikbru minħabba l-għoli fil-prezzijiet tal-ikel ikkaġunati minħabba l-problemi tal-ilma.

Wieħed forsi għall-ewwel ma jirrealizzax li meta kwantitajiet esaġerati ta' ikel ikunu ntremew, f'diversi stadji, sakemm prodott jasal għand il-konsumatur, ngħidu aħna, waqt il-proċess, jew waqt li qed jiġi trasportat, jew f'*supermarkets*, kif ukoll għand il-konsumatur meta jkun qiegħed isajjar jew jiekol, dan ikun qiegħed ukoll jarmi kwantità kbira ta' ilma li kien intuża. Il-figuri kalkulati minn statistika uffiċjali juru li fl-Ewropa b'madwar 33 biljun ewro, jiġifieri kważi 30% tal-ikel, jintrema' kull sena. Jekk dan kellu jintuża għall-bżonnijiet tan-nies, ikun laħaq madwar 500 miljun ruħ. Minħabba f'hekk, matul dawn l-aħħar xhur, il-konsumaturi tal-Unjoni Ewropea raw bidliet evidenti fil-prezzijiet tal-ikel bażiku wkoll.

Huwa mistenni li sas-sena 2050 il-ħtieġa tal-ikel madwar id-dinja se tirdoppja. Fl-istess waqt, il-problema li l-prezz tażżejt qiegħed dejjem jogħla, kif ukoll il-problema ta' tibdil fil-klima, qegħdin joħolqu iktar problemi fil-produzzjoni tal-ikel. Fattur ieħor li jkompli jżid ma' dan huwa li pajjiżi kbar, bħal ma huma ċ-Ċina u l-Indja, għandhom ekonomiji li qed jissaħħu, b'tali mod li d-domanda kbira għall-prodotti agrikoli li għandhom bżonn ammonti kbar tal-ilma, qegħda dejjem tiżdied ukoll.

Jekk dawn l-isfidi ma nagħtux kashom il-problemi m'humix biss għall-futur. Jeżistu wkoll diġà fil-preżent f'pajjiżi foqra, fejn madwar 1.2 biljun ruħ qegħdin isofru minħabba n-nuqqas tal-ilma. Il-Kummissjoni Ewropea qegħda tgħin lil dawn il-pajjiżi, taħt il-Presidenza Franċiża, permezz ta' għajnuniet speċifiċi biex dawn jikkoperaw bejniethom u jgħinu lil xulxin biex jiżviluppaw.



***Minn Brenda Azzopardi***
*MEUSAC*

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*Telefon: 2590 9101*
*e-mail: info.meusac@gov.mt*